**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/027 |
| **Ilment:** | Għemil ta' stqarrijiet mhux veritieri mill-Onor. Michael Farrugia MP dwar laqgħa li kellu mas-Sur Yorgen Fenech li saret fil-5 ta' Marzu 2014 |
| **Ilmentatur:** | Il-Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 28 ta' April 2020 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 31 ta' Lulju 2023 |

**L-Ilment**

1. Fit-28 ta' April 2020, il-Prof. Cassola kiteb lill-Kummissarju fejn allega li f'Marzu 2014 l-Onorevoli Michael Farrugia (dak iż-żmien Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar) iltaqa' mas-Sur Yorgen Fenech f'Kastilja u fl-istess jum bagħat ittra lill-Awtorità tal-Ippjanar biex l-Imrieħel jiġi nkluż fiż-żoni "high rise". B'dan l-mod is-soċjetajiet li tagħhom is-sur Fenech kien ko-propjetarju ma nies oħra, setgħu jtellgħu bini għoli kif imsemmi.

2. Skont il-Prof. Cassola, meta f'April 2020 Dottor Farrugia iffaċċja mistoqsijiet mingħand il-ġurnalista Jacob Borg dwar dik il-laqgħa, huwa gideb billi:

(a) Fil-21 ta' April 2020 qal li qatt ma ltaqa' ma' Fenech f'Kastilja.

(b) Imbagħad bidel il-verżjoni billi qal li kellu din il-laqgħa iżda ma tkellmux dwar l-Imrieħel.

(ċ) Qal ukoll li kien il-Kumitat ta' Evalwazzjoni dwar il-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Highrises li ħa d-deċiżjoni relattiva, meta skond Prof. Cassola, ma kienx il-pubbliku li ppropona l-inklużjoni tal-Imrieħel fost iż-żoni fejn jista' jitla' bini għoli.

(d) Finalment fis-27 ta' April 2020 qal li huwa ma kellux aċċess għal kwalunkwe dokumentazzjoni tal-imsemmi Kumitat, meta dejjem skont l-istess Prof. Cassola, dan id-dokument hu faċilment aċċessibbli.

3. Dawn l-allegazzjonijiet huma ibbażati fuq żewġ rapporti tal-ġurnal *Times of Malta*:

(a) Rapport datat 22 ta' April 2020[1] jgħid li l-Onor. Farrugia inizjalment qal "*Had no such meeting*", iżda mbagħad qal "*No such meeting on Mrieħel sight [sic] ever took place*". Skont l-istess rapport, l-Onor. Farrugia aktar tard qal ukoll "*[The] decision for Mrieħel to be included was taken days before letter was sent by a committee evaluating policies after public consultation. In such instances the minister/parliamentary secretary responsible has to send such decision to the CEO*."

(b) Rapport datat 27 ta' April 2020[2] jgħid "*Asked by Times of Malta to provide documentation showing this committee decision, Farrugia said he no longer has access to such documentation*."

4. Mal-ilment tiegħu il-Prof. Cassola hemeż żewġ dokumenti: elenku ta' żjarat li għamel f'Kastilja s-Sur Yorgen Fenech bejn l-2013 u l-2017; u ittra mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-5 ta' Marzu 2014. Aktar tard fl-istess ġurnata li għamel l-ilment, il-Prof. Cassola reġa' bagħat l-ilment, din id-darba b'dokument ieħor miżjud miegħu, li skont il-Prof. Cassola kien silta mill-minuti tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Kummenti dwar il-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Highrises. Din il-verżjoni tal-ilment hija annessa bħala d-Dokument A, u t-tliet dokumenti annessi mal-ilment huma riprodotti bħala d-Dokumenti A1 sa A3.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

5. Għandu jingħad mill-ewwel li din l-investigazzjoni mhijiex dwar il-laqgħa bejn l-Onor. Michael Farrugia u s-Sur Yorgen Fenech tal-5 ta' Marzu 2014 u jekk kienx hemm xi abbuż naxxenti minnha, għaliex il-fatti ġraw ħafna qabel daħal fis-seħħ il-Kap. 570 u allura ma humiex sindakabbli minn dan l-Uffiċċju skont l-

---

1 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/junior-minister-sent-mriehel-high-rise-policy-order-on-day-he-met.787106.

2 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/anti-corruption-watchdog-probes-michael-farrugia-yorgen-fenech-meeting.788243.

Att imsemmi. Għalhekk, il-kwistjoni ta' kemm is-soċjetajiet imsemmija arrikkixxew ruħhom b'tali azzjoni mhix parti mill-ambitu tal-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju.

6. Għalhekk din l-investigazzjoni tittratta biss dwar l-allegat gideb da parti tal-Onor. Michael Farrugia. Id-dispożizzjonijiet relevanti fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (it-tieni skeda tal-Kap. 570) huma s-segwenti:

> *4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali.*
>
> *10.3 Kemm-il darba tiġi mgħoddija informazzjoni mhux korretta, din għandha tiġi korretta minnufih.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

7. Billi t-tieni rapport tat-Times of Malta imsemmi fuq kien jindika li l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni kienet qegħda tinvestiga l-każ, fit-2 ta' Novembru 2020 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien talab lill-President tal-Kumitat biex jikkonferma li l-Kummissjoni kienet qed tinvestiga u, fl-affermattiv, jindika meta kienet se titlesta l-investigazzjoni. Sadanittant il-Kummissarju ssospenda l-investigazzjoni tiegħu fl-interess tal-prudenza, għalkemm ma kienx obbligat jagħmel dan skont il-Kap. 570.

8. Il-President tal-Kumitat Permanenti Kontra l-Korruzzjoni eventwalment wieġeb fl-4 ta' Jannar 2021 u qal li skont il-Kap. 326 huwa ma seta' jagħti ebda informazzjoni.

9. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ddeċieda li kellu jipproċedi bl-investigazzjoni tiegħu. Għalhekk fit-8 ta' Frar 2021 huwa kiteb lill-Onor. Michael Farrugia biex jirreferilu l-ilment, jiġbidlu l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika li huma kkwotati fuq, u jitolbu l-veduti tiegħu.

10. L-Onor. Farrugia wieġeb fit-22 ta' Frar 2021. Din ir-risposta hija annessa bħala d-Dokument B.

11. Billi fir-risposta tiegħu l-Onor. Farrugia qal, fost affarijiet oħra, li min ried itella' bini għoli fl-Imrieħel ġie żvantaġġjat bl-adozzjoni tal-Floor Area Ratio Policy tal-2014, il-Kummissarju preċedenti talab parir tekniku sabiex jiddetermina jekk dan kienx minnu. Dan il-parir ingħata fit-12 ta' Mejju 2022 u huwa anness bħala d-Dokument Ċ.

12. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-Kummissarju rriżenja in konsegwenza tal-ħatra tiegħu bħala membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Fit-8 ta' Marzu 2023, saret il-ħatra tas-sottoskritt bħala Kummissarju, u l-investigazzjoni tkompliet.

13. Fl-14 ta' Marzu 2023 dan l-Uffiċċju ħarrek liċ-Chairperson Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jipprovdi kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-kumitat li l-Prof. Cassola kien ippreżenta silta minnhom flimkien mal-ilment tiegħu. Dawn il-minuti ġew ipprovduti fis-17 ta' Marzu 2023. Mhumiex qed jiġu annessi ma' dan ir-rapport għaliex huma voluminużi. Huma ta' relevanza biss għaliex jikkonfermaw l-awtentiċità tas-silta mill-minuti pprovduta mill-Prof. Cassola, filwaqt li jindikaw li l-minuti huma ta' laqgħa tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar li nżammet fl-20 ta' Marzu 2014.

14. Fil-21 ta' Marzu 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Michael Farrugia (Dokument D) biex jitlob kjarifiki dwar l-ittra tiegħu tat-22 ta' Frar 2021. L-Onor. Farrugia wieġeb fis-17 ta' April 2023 (Dokument E).

15. F'din l-ittra l-Onor. Farrugia qal li meta kien iltaqa' ma' Yorgen Fenech fil-5 ta' Marzu 2014, huwa kien akkumpanjat mis-Sur Johann Buttigieg, li dak iż-żmien kien il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sur Buttigieg ġie mħarrek biex jixhed dwar din il-laqgħa, u huwa għamel dan fl-10 ta' Mejju 2023. Sommarju tax-xhieda tiegħu hija annessa bħala d-Dokument F. Dan l-Uffiċċju ħa nota wkoll tax-xhieda li s-Sur Buttigieg kien ta quddiem l-inkjesta pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia fl-19 ta' Novembru 2019.[3]

[3] Din ix-xhieda hija aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Documents/Witnesses%20in%20the%20Public%20Enquiry/19.08.20%20xhud%20Johann%20Buttigieg.pdf.

16. Fis-16 ta' Ġunju 2023, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Onor. Farrugia biex jagħtih aċċess għall-provi skont kif jitlob l-artikolu 18(3) tal-Kap. 570, u jagħtih l-opportunità jagħmel sottomissjonijiet finali. L-Onor. Farrugia bagħat sottomissjonijiet permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2023 (Dokument G). Mas-sottomissjonijiet tiegħu huwa hemeż kopja tal-Floor Area Ratio Policy ta' Mejju 2014 u l-applikazzjoni għall-iżvilupp tal-bini għoli li tela' fl-Imrieħel. Dawn id-dokumenti mhumiex qed jiġu riprodotti bħala parti minn dan ir-rapport għaliex huma dokumenti pubbliċi u ma jaffettwawx l-eżitu ta' din l-investigazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

17. Fis-sottomissjonijiet tiegħu (Dokumenti B u G), l-Onor. Farrugia jinsisti li l-Floor Area Ratio Policy ta' Mejju 2014 żvantaġġjat lill-iżviluppaturi tal-bini għoli fl-Imrieħel meta mqabbla mal-policies ta' qabel. Jgħid "*Huwa għalhekk bla sens, fil-fatt, li b'xi mod saret pressjoni biex toħroġ l-ittra mibgħuta minni f'isem il-Gvern lis-CEO tal-MEPA fil-5 ta' Marzu 2014 ħalli tinbidel il-policy u jitħaffef il-proċess. L-investitur għall-kuntrarju ma kienx fl-interess tiegħu li toħroġ il-policy il-ġdida*" (Dokument B, tieni paġna).

18. Madankollu, il-fatt hu li l-Floor Area Ratio Policy ta' Mejju 2014 kien ikollha l-effett li tipprojbixxi l-bini għoli fl-Imrieħel kieku din il-lokalità ma ġietx inkluża fil-policy.

19. Rigward l-ewwel żewġ allegazzjonijiet (ara l-paragrafi 2 u 3 ta' dan ir-rapport), tajjeb jingħad li meta irrisponda l-ewwel darba, Dr. Farrugia qal "*never had **such meeting***". Għalhekk ma kienx qed jgħid li ma kellux laqgħat ma' Fenech iżda li ma kellux laqgħa miegħu fir-rigward tal-materja imsemmija. Għalhekk strettament ma jistax jingħad li biddel il-verżjoni tiegħu. Kien ikun naturalment mod ieħor kieku per eżempju qal "*never met Mr. Fenech*".

20. Jirriżulta mid-Dokument A1 anness ma' dan ir-rapport li s-Sur Fenech iltaqa' ma' Dr. Farrugia fil-5 ta' Marzu 2014 u fl-istess data s-Segretarju Parlamentari bagħat ittra lis-CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar (Dokument A2) fejn informah li kienet policy tal-Gvern fost affarijiet oħra li l-Imrieħel ikun konsidrat bħala "*appropriate location for tall buildings*".

21. Kwantu għal-laqgħa bejn l-Onor. Farrugia u s-Sur Yorgen Fenech, l-unika persuna preżenti mal-Onor. Farrugia (għan-naħa tal-Awtorità) kien is-Sur Johann Buttigieg, li kien Uffiċjal Eżekuttiv tal-Awtorità dak iż-żmien. Meta xehed quddiem dan l-Uffiċċju kien ċert li dakinhar ma ġewx diskussi l-bini "high

rise" iżda ġie diskuss pjan għar-reklamazzjoni li dwaru kienet qed issir konsultazzjoni ma' diversi operaturi fis-settur. Is-Sur Buttigieg qal ukoll li fir-rigward tal-bini għoli, sa dak iż-żmien ma kien hemm ebda limitazzjoni ta' lokalitajiet fejn seta' jsir dan it-tip ta' bini u kien qed jiġi diskuss f'sede oħra dawk il-lokalitajiet li fihom kien se jkun eskluż; ġab eżempju li Għawdex kollu ġie eskluż. Ix-xhud kien ċert li fil-laqgħa msemmija ma ssemmiex il-bini "high rise".

22. Is-sottoskritt jagħmilha ċara li f'dawn il-proċeduri ma japplikawx ir-regoli tad-dritt penali u għalhekk ma hemmx għalfejn tkun pruvata l-allegazzjoni lil hinn minn dubbju raġonevoli. Huwa biżżejjed għalhekk li jkun raġonevoli li wieħed jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq il-provi li jkunu disponibbli. Fil-każ in eżami però l-unika prova hija li saret il-laqgħa u intbagħtet l-ittra fil-waqt li x-xhieda tas-sur Buttigieg teskludi dan. Suspett ma jista' qatt iwassal għal sejbien ta' ħtija speċjalment f'kaz bħal dan u għalhekk f'dan il-każ speċifiku is-sottoskritt qed iżomm mal-kriterji riġidi tal-liġi, u ma jistax jasal għall-konvinċiment assolut dwar ħtija. Infatti kif intqal diġà minn dan l-Uffiċċju (vide l-każ K/032, deċiż fit-2 ta' Lulju 2021) li fl-investigazzjonijiet tiegħu l-Uffiċċju ma jirrikjedix l-ogħla livell ta' prova (cioé dik rikjesta fi proċeduri kriminali) iżda fl-istess ħin fl-istess deċiżjoni appena imsemmija, il-Kummissarju qal ukoll li "*In vista tan-natura tal-ilmenti li jitressqu għall-konsiderazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika … ċertament m'għandux jiġi applikat il-livell ta'* ***prima facie*** *li jiġi applikat mill-maġistrat istruttur fl-għeluq tal-kumpilazzjoni, altrimenti l-Kummissarju jkollu jirreferi prattikament kull każ li jirċievi lill-Kumitat*."

23. Għalhekk ma tirriżulta ebda ħtija fir-rigward tal-ewwel żewġ allegazzjonijiet lil dan l-Uffiċċju.

24. Fir-rigward tat-tielet allegazzjoni, l-Onor. Farrugia jakkuża l-Prof. Cassola li "*qed iħawwad bejn kumitat tal-Gvern li jevalwa policies biex jara jekk ikunx hemm bżonn ta' direzzjoni politika, mal-kumitat ta' evalwazzjoni fi ħdan il-Planning*" (Dokument B, l-aħħar paġna). L-Onor. Farrugia jgħid li l-kumitat tal-Gvern kien kumitat interministerjali li kien iressaq direzzjoni strateġika tal-Gvern dwar il-policies tal-Awtorità tal-Ippjanar skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(7) tal-Kap. 504 (Dokument E).

25. Madankollu, fir-rapport tagħha tat-22 ta' April 2020, it-*Times of Malta* tikkwota lill-Onor. Farrugia li qal li d-deċiżjoni dwar l-inklużjoni tal-Imrieħel ittieħdet minn "*a committee evaluating policies after public consultation*".

Dawn il-kliem ma ġewx innegati mill-Onor. Farrugia u huma riferenza ċara għall-kumitat imsemmi mill-Prof. Cassola. Jekk il-Prof. Cassola ġie żvijat, seta' ġie żvijat mill-Onor. Farrugia innifsu.

26. Barra minn hekk, dan l-Uffiċċju talab lill-Onor. Farrugia jgħid minn min kien kompost il-kumitat tal-Gvern li rrifera għalih (Dokument D), iżda fir-risposta tiegħu (Dok. E) huwa ma weġibx din id-domanda. L-artikolu 8(7) tal-Kap. 504, li illum m'għadux in vigore, kien jagħti l-kompitu lill-ministru risponsabbli għall-Awtorità li jinformaha dwar id-direzzjonijiet strateġiċi tal-Gvern. Dan l-artikolu ma jagħmel ebda riferenza għal kumitat interministerjali.[4]

27. Fir-rigward tal-aħħar ilment, dan l-Uffiċċju ma setax jasal għal xi konklużjoni ċara dwar jekk id-dokument in kwistjoni kienx disponibbli. Kif diġà ġie indikat f'dan ir-rapport, id-dokument A3 ipprovdut mill-Prof. Cassola huwa silta mill-minuti tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar, mhux tal-kumitat li kien qed jevalwa s-sottomissjonijiet tal-pubbliku, u għaldaqstant ma jirrappreżentax prova li l-minuti ta' dan il-kumitat huma aċċessibbli pubblikament.

28. L-attenwant tal-Onor. Farrugia huwa li kienu għaddew sitt snin minn meta seħħet il-kwistjoni meta irrisponda għall-mistoqsijiet fir-rigward. Kien għalhekk li messu ivverifika qabel ma ta tweġiba u wieħed jistenna li persuni f'karigi simili jagħmlu dan. Dan anke biex ma jispiċċawx huma stess f'sitwazzjonijiet ambigwi fil-perċezzjoni pubblika u ċirkostanzi simili juru l-importanza ta' sistema regolamentata ta' lobbying adattata għal pajjizna. Ta' min iżid għall-korrettezza li d-deċiżjoni in kwistjoni li kellha tittieħed kellha ssir mhux minn Dottor Farrugia għaliex Segretarju Parlamentari ma jistax jieħu tali deċiżjoni izda mill-Ministru li kien jirrispondi għalih.

## Konklużjoni

29. Għalhekk dan l-Uffiċċju jikkonkludi illi l-Onor. Farrugia naqas li jgħid is-sewwa fir-rigward tat-tielet allegazzjoni. Dan jirrappreżenta ksur tal-artikoli 4.4 u 10.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

30. Dan ir-rapport qed jiġi sottomess lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

---

[4] Ara https://legislation.mt/eli/act/2010/10/mlt.

31. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat, dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-ilmentatur u lill-Onor. Farrugia li ir-rapport debitament ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopja tiegħu. Huwa rakkomandat li l-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ilment tal-Prof. Arnold Cassola datat 28 ta' April 2020. |
| Dokument A1 | Elenku ta' żjarat li għamel f'Kastilja s-Sur Yorgen Fenech bejn l-2013 u l-2017. |
| Dokument A2 | Ittra mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-5 ta' Marzu 2014. |
| Dokument A3 | Silta mill-minuti ta' laqgħa tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar li saret fl-20 ta' Marzu 2014. |
| Dokument B | Ittra datata 22 ta' Frar 2021 mill-Onor. Michael Farrugia. |
| Dokument Ċ | Email datata 12 ta' Mejju 2022 mingħand il-Perit David Pace. |
| Dokument D | Ittra datata 21 ta' Marzu 2023 lill-Onor. Michael Farrugia. |
| Dokument E | Ittra datata 17 ta' April 2023 mingħand l-Onor. Michael Farrugia. |
| Dokument F | Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sur Johann Buttigieg fl-10 ta' Mejju 2023. |
| Dokument G | Ittra datata 4 ta' Lulju 2023 mingħand l-Onor. Michael Farrugia. |

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <[redacted]> |
| **Sent:** | Tuesday, 28 April 2020 12:27 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Fwd: Talba investigazzjoni Ministru Michael Farrugia |
| **Attachments:** | Yorgen Fenech visit to Michael Farrugia (1)-1.jpg; letter Michael farrugia to Johann Buttigieg.doc; Committee member Enquriy on governmetn comments.jpg |

Sur Polidano,

Qiehed nibghatlek l-ittra rriveduta, u bl-aġġunta ta' anness ieħor, b'silta mill-minuti tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li juri li l-proposta tal-Mriehel giet mizjuda mill-Gvern WARA L-GĦELUQ TAL-PERJODU TA' KONSULTAZZJONI PUBBLIKA.

Nirringrazzjak,
arnold cassola

Għażiż Dr Hyzler,

Qed nitolbok tinvestiga l-każ tal-Ministru Michael Farrugia, li gideb ripetutament, fil-21 ta' April 2020 u fis-27 ta' April 2020.

**Michael Farrugia: Erba' gideb u ittra li jiswew mill-anqas kwart ta' miljun Ewro**

BACKGROUND

Fil-5 ta' Marzu 201, il-Ministru Michael Farrugia ltaqa' mas-Sur Yorgen Fenech Kastilja. Dak iż-żmien Michael Farrugia kien Segretarju Parlamentari għall-ippjanar. Din il-laqgha baqghet mistura mill-pubbliku bosta snin.

Dejjem fil-5 ta' Marzu 2014, ftit wara l-laqgha, Michael Farrugia bagħat ittra lill-Planning Authority biex l-Imrieħel (fejn il-kumpannija tas-sur Yorgen Fenech kellha artijet) jiġi inkluż fiż-żoni highrise. Anki din l-ittra baqgħet mistura mill-pubbliku għal ħafna żmien

Dana seħħ sitt ġimgħat wara li kien għalaq iż-żmien għar-rappreżentazzjonijiet tal-pubbliku dwar il-consultation paper.

Dawn l-affarijiet inkixfu reċentement:

Mistoqsi mill-ġurnalist Jacob Borg dwarhom, il Ministru Farrugia gideb ripetutament

21 ta' April 2020: L-ewwel gidba: Farrugia jigdeb lill-ġurnalist Jacob Borg, li huwa qatt ma ltaqa' ma' Yorgen Fenech f'Kastilja.

21 ta' April 2020 It-tieni gidba: wara li ġie ffaċċjat bir-reġistru ta' Kastilja, Farrugia bidel il-verżjoni u qal li kellu laqgħa, imma ma kenitx dwar l-Imrieħel.

21 ta' April 2020 It-tielet gidba: Farrugia gideb meta qal li kien il-*Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Kummenti dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Highrises,* li ha d-deċiżjoni dwar l-imrieħel. Imkien fid-dokument ma jissemma' li l-Imrieħel ġie propost mill-pubbliku fit-terminu ta' żmien għall-konsultazzjoni pubblika (25 ta' Novembru 2013 - 24 ta' Jannar 2014).

Pjuttost: fil-minuti ta' dan il-kumitat, kien hemm xi membru tal-kumitat li nnota i l-Gvern kien qiegħed jipprova jindaħal fid-deċiżjonijiet tal-Kumitat billi jipproponi sit WARA li kien għalaq iż-żmien għall-konsultazzjoni pubblika.

27 ta' April: Ir-raba' gidba: Farrugia gideb li m'għandux aċċess għad-Dokumentazzjoni tal-*Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Kummenti dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Highrises*. - Fil-fatt, id-dokument huwa faċilment aċċessibbli.

L-aġir tal-Ministru Farrugia fisser li huwa rregala mill-anqas 250 miljun ewro fil-valur tal-bini tal-kumpanija Gasan--Tumas Holdings li, wara l-itttra ta' Farrugia, qieghda tibni erba torrijiet b'medja ta' 20 sular kull wieħed, meta qabel ma setghetx titla' aktar minn 10 sular kull bini.
L-40 sular extra fuq erba' binjiet għandhom valur ta' almenu 250 miljun ewro fis-suq tal-bini.

Sur Kummissjarju, qiegħed nitolbok tinvestiga l-gideb sfaċċat tal-Ministru Farrugia fil-konfront tal-elettorat Malti, gideb li mhux biss ħbew dan ir-"rigal" ta' 250 miljun ewro lis-suddetta kumpanija, iżda jixhdu d-disprezz assolut li l-Ministru wera lejn il-poplu Malti u Għawdxi.

Annessi
1. erba' artikli ta' gazzetti
2.Il-Freedom of Information request bil-laqgħa ta' bejn Farrugia u Fenech
3. L-ittra ta' Michael Farrugia lill-Johann Buttigieg tal-Plannin Authority

Tislijiet,

Arnold Cassola
https://timesofmalta.com/articles/view/junior-minister-sent-mriehel-high-rise-policy-order-on-day-he-met.787106

https://timesofmalta.com/articles/view/the-mystery-of-the-mriehel-towers-revealed-arnold-cassola.788090

https://timesofmalta.com/articles/view/anti-corruption-watchdog-probes-michael-farrugia-yorgen-fenech-meeting.788243

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/101970/cassola_michael_farrugia_should_come_clean_on_yorgen_fenech_meeting#.XqdZl2gzbIU

DOKUMENT A1

## VISITS BY YORGEN FENECH TO THE AUBERGE DE CASTILLE2013

| DATE | VISITING | TIME IN | TIME OUT |
|---|---|---|---|
| 16-Oct | Minister Dr Konrad Mizzi | 15:45 | No records |
| 28-Oct | Mr Keith Schembri | 11:47 | 12:41 |
| 31-Oct | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:57 | 17:35 |
| 01-Nov | Minister Dr Konrad Mizzi | 17:13 | No records |
| 15-Nov | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:36 | No records |
| 21-Nov | Minister Dr Konrad Mizzi | 12:58 | 14:37 |
| 03-Dec | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:02 | 16:45 |

## 2014

| DATE | VISTING | TIME IN | TIME OUT |
|---|---|---|---|
| 10-Jan | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:33 | No records |
| 23-Jan | Minister Dr Konrad Mizzi | 11:09 | 12:17 |
| 03-Mar | Mr Keith Schembri | 13:06 | 15:11 |
| 05-Mar | Dr Michael Farrugia | 09:27 | 09:53 |
| | Minister Dr Konrad Mizzi | 15:48 | 16:56 |
| 13-Mar | Minister Dr Konrad Mizzi | 14:29 | 16:19 |
| 25-Mar | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:33 | No records |
| 26-Mar | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:17 | No records |
| 10-Apr | Minister Dr Konrad Mizzi | 10:50 | 13:43 |
| 12-May | Minister Dr Konrad Mizzi | 10:07 | 11:58 |
| 15-May | Minister Dr Konrad Mizzi | 14:08 | No records |
| 16-May | Minister Dr Konrad Mizzi | 11:08 | 13:08 |
| 20-May | Mr Keith Schembri | 15:40 | 16:16 |
| 26-May | Mr Keith Schembri | 12:31 | 13:33 |
| 03-Jun | Mr Keith Schembri | 16:50 | No records |
| 28-Jul | Minister Dr Konrad Mizzi | 09:40 | 11:11 |
| 28-Oct | Minister Dr Konrad Mizzi | 16:33 | 17:15 |

## 2015

| DATE | VISITING | TIME IN | TIME OUT |
|---|---|---|---|
| 13-Jan | Minister Dr Konrad Mizzi | 15:02 | 16:16 |

## 2016

| DATE | VISITING | TIME IN | TIME OUT |
|---|---|---|---|
| NIL | NIL | NIL | NIL |

## 2017

| DATE | VISITING | TIME IN | TIME OUT |
|---|---|---|---|
| 24-Mar | Lyndsey Gambin | 15:08 | 16:45 |

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GHALL-IPPJANAR
U S-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-PROĊESS AMMINISTRATTIV
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

5th March 2014

Dear CEO

*Re: A Planning Policy Guide on the Use and Applicability of the Floor Area Ration (FAR)*

Under the provisions of article 8(7) of the Environment and Development Planning Act (Cap.504) I am informing you of Government's strategic direction relative to this policy as follows :

(a) Additional Floorspace
Within the appropriate locations for tall buildings only, additional gross developable floorspace (GDF) over and above the maximum allowable floorspace may be considered strictly on a case-by-case basis provided the proposal is declared as a project of strategic economic benefit by the Government;

(b) Appropriate Locations for tall Buildings
Mriehel is to be considered as an appropriate location for tall buildings with the intention to create a strategic employment node;

(c) Public open space
The concession which allows the conversion of public open space into private open space shall be prohibited.

These directions should be brought to the attention of the MEPA Board at the earliest possible occasion.

Michael Farrugia

*Mr Paul Apap Bologna joined the meeting.*

9981. Chairman enquired whether there was agreement to include the submissions received by Government.

9982. Perit Montesin enquired whether the public consultation process was concluded when the comments were received.

Perit Scalpello reminded that the submissions were received from Government.

Perit Montesin enquired whether comments from Government can be accepted after the public consultation period.

Perit Scalpello confirmed.

Members agreed to the amendment of the policy to reflect the submissions made by Government.

9983. Prof Axiak enquired whether the possibility of submitting an Environment and Development Brief has been retained in the policy

Perit Scalpello stated that the restriction had been removed prior to issuing the draft, and this part has remained unchanged. As long as the law allows for it, an Environment and Development Brief (EDB) application could be submitted.

9984. Perit Montesin enquired about the validity of an EDB.

Perit Chris Borg stated that the legislation currently stipulates a maximum of 2 years.

Perit Montesin enquired whether a renewal is possible.

Mr David Cassar stated that an EDB is not a permission and therefore renewal procedures do not apply. Neither are there vested rights associated to an EDB.

Mr Buttigieg stated that an applicant would have 2 years to submit a full development permission application.

9985. Mr Callus enquired whether the possibility of declaring a project as a project of strategic economic benefit referred to Government projects only.

Mr Buttigieg stated this was not necessarily the case. Giving an example, the Smart City project is a private initiative.

DOKUMENT B

MINISTRY FOR SENIOR CITIZENS
AND ACTIVE AGEING
ZONE 3, TRIQ IN-NEGOZJU, BIRKIRKARA, MALTA

22 ta' Frar 2021

Dr George Hyzler

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Billi għall-fini tad-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari inti qist tlitt mistoqsijiet bħala relevanti, imma billi l-ilment imressaq fih numru ta' allegazzjonijiet mhux veritieri u infondati, inħoss li xorta waħda għandi nagħmel il-fatti kif inhuma. Uħud minn dawn l-allegazzjonijiet ġew attribwiti f'ġurnali lokali u repetuti minn parlamentari u individwi oħra, inkluż mill-Prof Cassola. Hu għalhekk li mhux ġust li għal darb'oħra jiġu ppubblikati fatti bla bażi, mhux veritieri, u ivvintati, mingħajr risposta tal-verita` tal-fatti, intenzjonati biss biex jippruvaw iħammġu u jdaħħlu dubju fl-integrita` tiegħi, li wrejt tul id-29 sena bħala membru parlamentari. Dawn huma l-fatti :

1. Qabel l-2014 persuna setgħet tapplika biex tibni għola minn għaxar sulari f'kull parti ta' Malta u Għawdex u sta għall-Awtorita` tal-Ippjanar jekk toħroġx permess jew le. Dan ovvjament kien jinkludi l-Imrieħel bħala area fejn seta' wieħed jingħata permess għall-Floor Area Ratio (FAR). Qabel l-2013 kienu ngħataw permessi u nbena bini għoli aktar minn għaxar sulari u aktar tard għal bini skont il-FAR policy eżistenti dakinhar. Fil-fatt, fis-snin ta' qabel l-2014 kienu ħarġu 18-il permess madwar Malta u Għawdex.

2. Fl-2010 saret PC application 57/10 għal-Local Plan Review tal-Imrieħel. Fl-2012 din ġiet approvata biex:
   a) L-area tal-Imrieħel issir Corporate Village minflok Industrial Village.
   b) Min ikollu area ta' aktar minn 25,000 metru kwadru seta' jingħata permess jibni sa' 40 metru għoli (madwar 14-il sular) mingħajr ma tapplika l-Policy tal-Floor Area Ratio.

3. Fl-2013 inħass il-bżonn li jkun hemm lokalitajiet identifikati fejn wieħed seta' japplika għall-FAR. Għalhekk ħarġet policy għall-konsultazzjoni pubblika dwar FAR biex tillimita fejn seta' jsir bini FAR. Wara konsultazzjoni pubblika tneħħa Pembroke minn area li fiha seta' jsir il-FAR. Il-Gvern evalwa l-policy u kif inhu permess ta direzzjoni politika. Jien, li dakinhar kont politikament responsabbli mill-Ippjanar, kelli nwassal id-direzzjoni politika tal-Gvern lis-CEO tal-MEPA.
   Fost it-tlitt punti mressqa mill-Gvern, ("Under the provisions of article 8(7) of the Environment and Development Planning Act (Cap.504), jien infurmajt lis-CEO..."of Government strategic direction..." wara li:
   a) Il-Gvern irrikonoxxa li l-Imrieħel fl-2012 kien inbidel minn industrial hub għal corporate village;
   b) Il-viżjoni tal-Gvern li l-Imrieħel ikun employment node;
   c) Li mhux talli l-Imrieħel minn dejjem seta' jsir FAR imma permezz ta' PC 57/10 seta' jitla bini għoli 40 metru mingħajr ma tiġi applikata l-FAR eżistenti;

d) Għalhekk, l-Imrieħel kellha titħalla bħala area fejn tapplika l-policy tal-FAR (punt (b) fl-ittra lis-CEO MEPA tal-5 ta' Marzu 2014)

4. Il-policy tal-FAR tal-2014, kuntrarju għall-policy ta' qabel, kienet titfa obbligu li bini FAR irid ikun imdawwar b'toroq ta' ċertu wisgħa minn kull naħa, u li kull konċessjoni għal kull bini FAR, il-parti mhux mibnija ma tibqax privata imma ssir pubblika.

5. Billi l-art tal-bini msemmija ma kinitx imdawra minn toroq, fil-permess maħruġ mill-Awtorita` tal-Ippjanar, skont il-policy tal-FAR il-ġdida, hekk kif mibdula, l-investitur kellu jnaqqas 1,445 metru kwadru mill-art tiegħu biex jibni toroq mad-dawra tal-binja, b'dawn l-1,445 metru kwadru jitnaqqsu mill-komputazzjoni ta' kemm jista' jinbena floor space.
Bil-formola maħduma dan wassal biex madwar 8,000 metru kwadru tnaqqas minn kif oriġinarjament kien jinbena bil-policy tal-FAR ta' qabel l-2014. Dan fisser li:
a) Bil-policy tal-2014 l-investitur tilef madwar 8,000 metru kwadru ta' floor space li seta' jibni;
b) Il-parti mhux mibnija saret pubblika u mhux privata;
c) Bir-rata kummerċjali bil-policy l-ġdida, l-investitur tilef mal-50-60 miljun euro ikkomparat mal-policy preċedenti tal-FAR ta' qabel l-2014.

6. Loġikament l-investitur f'dan il-każ kien ikollu kull interess li l-policy tal-FAR tal-2014 ma tiġix applikata ħalli jilħaq japplika fuq l-istess art bil-policy tal-FAR ta' qabel l-2014.

7. Huwa għalhekk bla sens, fil-fatt, li b'xi mod saret pressjoni biex toħroġ l-ittra mibgħuta minni f'isem il-Gvern lis-CEO tal-MEPA fil-5 ta' Marzu 2014 ħalli tinbidel il-policy u jitħaffef il-proċess. L-Investitur għall-kuntrarju ma kienx fl-interess tiegħu li toħroġ il-policy il-ġdida – għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq.

8. Huwa fatt li jirriżulta li kelli laqgħa mas-Sur Yurgen Fenech fid-data msemmija, bħalma kelli ma' kull kuntrattur u investitur ieħor li resaq 'il quddiem bi proġetti ġodda, bħalma kelli wkoll diversi laqgħat ma' eNGOs.

9. Fl-2013 il-Gvern ħareġ sejħa biex investituri jressqu proġetti ta' Land Reclamation f'pajjiżna. Kien hemm 23 proġett li tressaq u saru laqgħat ma' ħafna minn dawn l-investituri u/jew periti biex jispjegaw il-proġett propost minnhom. Tumas Group kellhom proġett simili n-naħa ta' Portomaso u s-Sur Fenech, bħal oħrajn qablu ta overview tal-proġett imressaq minnhom fil-laqgħa ta' Marzu 2014. Fl-ebda ħin:
a) Ma ġie diskuss l-Imrieħel u allura kull allegazzjoni simili, għamilha min għamilha hi allegazzjoni falza, infondata, mhux veritiera u invenzjoni mill-bidu sal-aħħar;
b) Kien hemm persuni xhieda ta' dan għax kienu qed jakkumpanjawni waqt din il-laqgħa tal-5 ta' Marzu 2014;

c) Dan kollu għedtu bil-ġurament waqt l-Inkjesta Pubblika u anke quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni.

Huwa għalhekk li l-akkużi tal-Prof Cassola huma kompletament infondati, mibnija fuq assunzjonijiet mhux veritiera u li aċċetta bħala fatt storja mibnija fuq premessi ivvintati minn ġurnal lokali, ippreżentat b'mod li jitfa dubju u jħammeġ l-integrita tiegħi.

L-istorja fuq il-ġurnal hi mibnija fuq l-assunzjoni ivvintata li jien tkellimt mas-Sur Fenech, fl-uniku laqgħa li qatt kelli, fuq l-Imrieħel. L-Imrieħel qatt ma ssemmiet fil-laqgħa u ta' dan għandi xhieda li kienu qed jakkumpanjawni fil-laqgħa.

Ovvja li r-risposta tiegħi huma korretti għal kull mistoqsija li saritli u kif irrapurtati li:

(i) Had no such meeting
(ii) No such meeting on Mrieħel site ever took place
(iii) Aktar tard intbagħtet kjarifika addizzjonali

Fl-ebda ħin id-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li inti tqis relevanti għal dan il-każ ma ġewx miksura.

Mhux talli għaddejt informazzjoni korretta, u li tista' tiġi kkorraborata, talli aktar tard għaddejt informazzjoni addizzjonali.

Filwaqt li qed nassumi li l-Prof Cassola kien imqarraq mir-rapport fil-ġurnal u li wasslu biex jasal għal assunzjonijiet bla bażi, mhux veritieri li eventwalment kompla jagħtihom aktar kulur, ma nistax ma nikkummentax fuq fatt li seta' vverifikah, imma għoġbu jibgħat fatti mhux veritiera bil-paragrafu "L-aġir....fis-suq tal-bini."

Barra minn hekk il-Prof Cassola qed iħawwad bejn kumitat tal-Gvern li jevalwa policies biex jara jekk ikunx hemm bżonn ta' direzzjoni politika, mal-kumitat ta' evalwazzjoni fi ħdan il-Planning.

Nikkonkludi billi nissottolinja li filwaqt li PC 57/10 kif approvata fl-2012 kienet taqdi lil waħdiet, bil-policy tal-FAR, mhux il-proġett tal-Quad Towers biss jista' jsir imma diversi proġetti oħra, hekk kif qed juri l-interess biex isiru proġetti oħra simili fl-Imrieħel minn meta l-Imrieħel inbidel għal corporate village fl-2012.

Michael Farrugia
Ministru

DOKUMENT Ċ

| | |
|---|---|
| **From:** | David PACE |
| **To:** | George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Cc:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life; [redacted] |
| **Subject:** | complaint on Quad Towers development 7653 |
| **Date:** | Thursday, 12 May 2022 12:37:07 |

Dear George

I have reviewed the documentation you have provided on this case.

On a preliminary note, you are aware that, as Commissioner for Environment and Planning in the Ombudsman's office I had already expressed an opinion on this development. This was about the fact that change in zoning had taken place after the process of public consultation had closed. Mention is made of this in the press references submitted.

The present planning system, when introduced in 1990, sought to achieve two main objectives:

1. A professional approach to land use planning by applying holistic research, appraisal and implementation techniques based on sound modern planning principles.
2. A system of checks and balances driven by the inclusion of public participation in all aspects of the planning process, to ensure transparency and scrutiny within the planning regime.

In principle, the planning process aimed at translating the political direction with regards to social and economic improvement into the physical development process, providing the required spaces while safeguarding and enhancing the surrounding areas against negative impacts caused by changes to the existing status of the land and buildings affected.

It is therefore correct to state that the Planning Authority would receive political direction to map out its policies and development plans. In fact this was clearly set out in the Planning Act.

However this direction was subject to any proposed changes being put to a public consultation process.
This was the crux of the complaint I had investigated, since while the proper procedure had been followed until the public consultation period had closed, Imriehel was inserted as an FAR zone afterwards.

With regards to the Hon. Michael Farrugia's response that prior to 2014 any person could apply to erect buildings higher than 10 floors anywhere in Malta and that it was then up to the Planning Authority whether to approve it or not, I find the comment rather gratuitous. The principle holds good even today, and if somebody wishes to apply for a permit to build 12 storeys at Citygate, it is also up to the PA to approve or refuse. The sparseness of such development speaks for itself.

The argument that Yorgen Fenech was disadvantaged by the FAR revision which was alleged to be applicable there prior to the revision is not correct.
I quote from the DPAR (Case Officer report) on PA 581/16 which was the first application for the high-rise development.

*The site is a rectangular parcel of land covering an area of approximately 10,082sqm within the*

*Mrieħel Industrial Area, Birkirkara. The site has frontages on three streets being Triq il-Mergħat to the west, Triq l-Esportaturi to the north and a service road Triq l-Intronjatur facing the Mriehel By-pass to the south (there is no direct access to the proposed site via the Mrieħel By-Pass). The easten part of the site abuts third party property.*

It is clear that the site was far less than then 25000sm minimum established by the previous policy. Moreover, the site is not even bounded on 4 sides by roads, since the DPAR states that it is bounded on 3 streets and by third party property on the eastern boundary. Therefore it seems that even here a further concession was made which departed from the new policy.

Given the above it does not seem that Yorgen Fenech was disadvantaged by the policy revision.

Should you wish to discuss further get in touch.

Best regards

David

perit david p. pace b.arch. m.c.i. arb
[redacted]
Malta

**tel: + 356** [redacted] **fax: +356** [redacted]
**e-mail:** [redacted]
This message and any attachment are confidential to the ordinary user of the email address to which it was addressed and may also be privileged. If you are not the addressee you may not copy, forward, disclose or use any part of the message or its attachments. Furthermore if you have received this message in error, please notify the sender immediately by return email and delete it from your system. Internet communication cannot be guaranteed to be secure or error-free as information could be intercepted, corrupted, lost, arrive late or contain viruses. The sender does not accept liability for any error or omissions in the content of this message which may occur as a result of the above.
Please consider your responsibility towards a sustainable environment before printing this document

DOKUMENT D

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

21 ta' Marzu 2023

L-Onor Dr Michael Farrugia

Bl-email fuq michael.farrugia@parlament.mt

Dr Farrugia,

**Każ K/027: Allegazzjoni dwar stqarrijiet mhux veritieri fir-rigward ta' laqgħa bejnek u bejn is-Sur Yorgen Fenech f'Marzu 2014**

Nirreferi għall-korrispondenza li kellek mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' qabli dwar dan il-każ, ċioè l-ittri tat-8 ta' Frar 2021, fejn inti ġejt mitlub tippreżenta r-reazzjonijiet tiegħek dwar l-ilment surreferit, u tat-22 ta' Frar 2021, fejn inti rrispondejt bil-miktub. Fil-paragrafu 9 tal-ittra tiegħek inti indikajt illi:

> *"Tumas Group kellhom proġett simili n-naħa ta' Portomaso u s-Sur Fenech, bħal oħrajn qablu ta overview tal-proġett imressaq minnhom fil-laqgħa ta' Marzu 2014. Fl-ebda ħin:*
> *a) Ma ġie diskuss l-Imrieħel u allura kull allegazzjoni simili, għamilha min għamilha, hi allegazzjoni falza, infondata, mhux veritiera u invenzjoni mill-bidu sal-aħħar*
> *b) Kien hemm persuni xhieda ta' dan għax kien qed jakkumpanjawni waqt din il-laqgħa tal-5 ta' Marzu 2014; [...]"*

Fl-istess paragrafu, inti erġajt ktibt li:

> *"L-istorja fuq il-ġurnal hi mibnjia fuq l-assunzjoni ivvintata li jien tkellimt mas-Sur Fenech, fl-uniku laqgħa li qatt kelli, fuq l-Imrieħel. L-Imrieħel qatt ma ssemmiet fil-laqgħa u ta' dan għandi xhieda li kienu qed jakkumpanjwani fil-laqgħa".*

Inti mitlub tgħidli min kienu dawk ix-xhieda li kienu preżenti miegħek għal-laqgħa tal-5 ta' Marzu 2014, u tipprovdini bid-dettalji tagħhom.

Fl-ittra tiegħek tgħid ukoll *"Barra minn hekk il-Prof Cassola qed iħawwad bejn kumitat tal-Gvern li jevalwa policies biex jara jekk ikunx hemm bżonn ta' direzzjoni politika, mal-kumitat ta' evalwazzjoni fi ħdan il-Planning."* Inti mitlub telabora dwar il-kumitat tal-Gvern li jevalwa policies biex jara jekk ikunx hemm bżonn ta' direzzjoni politika, billi tgħid x'sehem kellu dan il-kumitat fil-każ tal-Imrieħel, u minn min kien kompost.

Ġentilment mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mill-**Ħamis 20 ta' April 2023**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT E

KAMRA TAD-DEPUTATI

HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

17 ta' April 2023

Dr. Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritus
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Dr. Joseph Azzopardi

B'referenza għall-ittra tiegħek tal-21 ta' Marzu 2023, rigward Każ K/27 fejn għar-reazzjonijiet tiegħi tat-22 ta' Frar 2021 tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti, inti għamiltli żewġ mistoqsijiet b'rabta mar-reazzjoni tiegħi.

1) Preżenti miegħi fil-laqgħa ta' Marzu 2014 mas-Sur Jorgen Fenech kien hemm żgur preżenti, is-Sur Johann Buttigieg, li dak iż-żmien kien is-CEO tal-MEPA. Is-Sur Buttigieg kont nistiednu jattenti għal-laqgħat dwar Land Reclamation.

   Is-Sur Buttigieg jista' jikkonferma jew le jekk kienx diskuss l-Imrieħel waqt il-laqgħa u allura jekk jien għidtx il-verita' lill-ġurnalist jew le.

   L-email tas-Sur Buttigieg hi : [redacted]

2) Rigward il-mistoqsija biex nelabora dwar il-Kumitat tal-Gvern, ninfurmak li dan kien wieħed interministerjali.

   Dan il-Kumitat kien iressaq "Government Strategic Direction" dwar id-diversi policies maħruġa mill-MEPA "Under the provisions of Article 8(7) of the Environmental and Development Planning Act (Cap 504)".

   Il-"Government Strategic Direction" hija spjegata fl-ittra mibgħutha minni fit-22 ta' Frar 2021 lill-Kummissarju għall-Istandards tal-Ħajja Pubblika preċedenti.

   Ninfurmak li l-kontenut ta' din l-ittra u tal-ittra mibgħutha minni fit-22 ta' Frar 2021 lest li nikkonfermah b'ġurament bħalma diġà għamilt għall-mistoqsijiet fuq l-istess suġġett quddiem l-Inkjesta Pubblika u għal rapport ieħor magħmul fuq l-istess suġġett mill-Profs Cassola lill-Kummissarju Permanenti kontra l-Korruzzjoni.

Inselli għalik

Dr. Michael Farrugia

# Sommarju tax-xhieda ta' Johann Buttigieg

| | |
|---|---|
| Każ: | K/027 |
| Data: | 10 ta' Mejju 2023 |
| Preżenti: | Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali<br>Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur<br><br>Johann Buttigieg |

Il-Kummissarju ta l-ġurament lis-Sur Buttigieg u spjegalu li hu mhuwiex is-suġġett tal-investigazzjoni tiegħu.

**Il-laqgħa tal- 5 ta' Marzu 2014 mal-Onorevoli Michael Farrugia u Yorgen Fenech**

Il-Kummissarju talab lis-Sur Buttigieg jispjega x'kien xogħlu fil-perjodu meta attenda laqgħa mal-Onorevoli Michael Farrugia, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni Amministrattiva, u s-Sur Yorgen Fenech. Is-Sur Buttigieg qal li dak iż-żmien, kien jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ipjannar, u l-Ambjent (MEPA). Mistoqsi dwar is-suġġett ta' dik il-laqgħa, is-Sur Buttigieg qal:

> *"Niftakar illi erm, kien hemm meeting ma' Yorgen Fenech għaliex l-ewwel darba li ltqajt jiena personali mas-Sur Yorgen Fenech, again kont nisma' bih, imma qatt ma kont rajtu, jew iltqajt miegħu qabel, u kienet proprju fuq, il-land reclamation, erm, projects li kellna. Il-Gvern kien ħareġ sejħa, jidhirli jekk mhux sejjer żball, f'Lulju tat-2013, għal land reclamation projects, il-call kienet tagħlaq, jekk m'iniex sejjer żball, xi Settembru, Ottubru, dak iż-żmien, u ma nafx jekk ġietx estiża għal Diċembru, u wara, bdejna niltaqgħu ma' numru minn dawn li kienu għamlu s-sottomissjonijiet, biex ovvjament, jispegaw viva voce u jagħmlu presentazzjoni tal-, submissions tagħhom."*[1]

Mistoqsi jekk ġiex diskuss xi suġġett ieħor waqt il-laqgħa, is-Sur Buttigieg qal li hu ċert li l-ebda suġġett ieħor ġie diskuss.

Mistoqsi jekk il-kwistjoni tal-*highrises* ġiet diskussa f'dik il-laqgħa, is-Sur Buttigieg qal:

> *"Le mhux, mhux fil-,fil-meeting ma' Yorgen Fenech żgur"*[2]

Mistoqsi biex jelabora fuq is-suġġett tal-laqgħa mal-Onorevoli Farrugia u s-Sur Fenech, is-Sur Buttigieg spjega :

> *"Mela, il-Gvern, mela. Ejja nibdew minn qabel, meta fit-2008, il-Gvern dak iż-żmien kien għamel proċess u kien qabbad lill-ADI flimkien ma' Scott Wilson biex jagħmlu rapport fuq il-land reclamation requirements f'Malta".*[3]

[1] Reġistrazzjoni tax-xhieda, 01:06
[2] Reġistrazzjoni, 02:18
[3] Reġistrazzjoni, 02:46

Kompla jgħid:

*"ADI huma konsulenti ambjentali, erm, u il-Gvern dak iż-żmien kien qabbad lilhom flimkien ma' Scott Wilson li hija kumpanija internazzjonali li tagħmel l-istudji ambjentali fuq land reclamation u kienu għamlu dokument, li kien identifika, jekk m'iniex sejjer żball, 4 żoni. Il-Gvern fit-2013, ħass li allavolja hemm dan ir-rapport, xtaq li joħroġ sejħa pubblika biex ikun hemm espressjoni ta' interess minn min jixtieq jagħmel, x'jismu, u ovvjament kien għamel dan ir-rapport u dan l-istudju available biex ovvjament wieħed ikun jista' jara, meta qed jagħmel s-sottomissjoni tiegħu. Kien hemm, niftakar li kien hemm iktar minn 20 sottomissjoni ta' land reclamation proposals. Erm, u, dak iż-żmien imbagħad fit-2014, bdejna naraw dawn il-, il-land reclamation projects. Aħna ma konniex the adjudicating committee ta' dawn il-x'jismu, imma ovvjament ridna nifhmu biex imbagħad jekk ikun hemm xi domandi tekniċi li jsiru min-naħa tal-adjudicating committee, nkunu nistgħu nispjegawlhom aħna minflok jispjewgalhom huma erm, f'iktar dettall."*[4]

Mistoqsi allura, jekk kienx hemm membri tal-adjudicating committee preżenti ukoll minħabba s-suġġett tal-laqgħa, is-Sur Buttigieg wieġeb fin-negattiv.

Kompla billi spjega li peress illi dan kien proċess ta' '*expression of interest*' u mhux tender:

*"ħassejna l-, li isma aħjar jispjegaw lilna, għax dan fl-aħħar mill-aħħar, inti imbagħad xorta trid iddaħħal is-sottomissjonijiet tiegħek lill-Awtorità tal-Ipjannar, u jsiru l-istudji ambjentali u l-affarijiet kollha. Iġifieri hi kienet iktar dwar, il-proċess ta' f'każ li l-Gvern ħa jagħżel proġett minn ieħor ilgħaliex ħa jmur għal dak il-proġett u mhux l-oħrajn."*[5]

Fir-rigward ta' min kien preżenti għal-laqgħa, is-Sur Buttigieg qal:

*"safejn naf jien, jiena, erm u l-Ministru biss konna preżenti ta iġifieri."*[6]

Ikkonferma li s-Sur Fenech kien preżenti, flimkien ma' membri tat-tim tiegħu:

*"U ovvjament Yorgen Fenech u kellu xi nies oħra miegħu imma, tgħidlix min kienu n-nies l-oħrajn miegħu, iġifieri kien hemm il-periti u –"*[7]

Apparti minn hekk, qal li min-naħa tas-Segretarju Parlamentari:

*"Jista' jkun li forsi kien hemm is-segretarja tiegħu li kienet qed tieħu l-minuti per eżempju, jekk hemm xi minuti ma niftakarx iġifieri. Imma it was more an, an informal-for, an informal-formal type of, isma, explaining the project."*[8]

**Il-kumitat inter-ministerjali li kien iressaq strategic directions tal-Gvern**

Fir-rigward tal-kumitat inter-ministerjali responsabbli biex iressaq l-oġġettivi strateġiċi tal-Gvern, is-Sur Buttigieg ikkonferma li kien membru fuq ta' dan il-kumitat, li ddeskrivieh bħala:

*"kumitat fejn konna qegħdin niltaqgħu erm, numru ta' CEOs u numru ta' Ministri biex kemm jista' jkun, meta nkunu qegħdin nagħmlu policy jew, nippreparaw policy jew idea, tiġi diskussa hemmhekk biex, ovvjament, ikun hemm il-coordinated approach bejn l-entitajiet kollha."*[9]

[4] Reġistrazzjoni, 03:03
[5] Reġistrazzjoni, 04:55
[6] Reġistrazzjoni, 05:28
[7] Reġistrazzjoni, 05:35
[8] Reġistrazzjoni, 05:46
[9] Reġistrazzjoni, 06:51

**Il-*Floor Area Ratio Policy* u l-kwistjoni tal-Imrieħel**

Mistoqsi biex jispjega l-*Floor Area Ratio policy*, is-Sur Buttigieg qal:

> *"Il-Floor Area Ratio ilha tiġi applikata min-1994. Erm, qabel ma kien hemm, mela, qatt ma kien hemm policy approvata, dejjem kien hemm draft tal-policy tal-FAR, u sat-2013 kienu diġà ħarġu xi 18-il permess, bil-, bl-FAR. Issa, fit-2000 and, erm, ma niftakarx jekk hux 13 jew 14, erm, il-Gvern kien tana direzzjoni anke fuq suġġeriment tiegħi stess, isma, biex attwalment din il-policy inġibuha fis-seħħ. U l-Gvern talabna, mela, qabel il-policy kienet tapplika għal Malta u Għawdex kollu. Ma kienx hemm distinzzjoni bejniethom, u l-Gvern talabna li aħna nirriduċu s-sites għal dawk li huma committed areas diġà. U jekk taqbdu l-FAR policy, hemm spjegazzjoni eżatta ta' kif wasalna, hemm ukoll l-objectives li kien tana l-Gvern li kien ġew pubbliċi, u li kienu ħarġu għal 2 weeks public consultation u hemm ukoll il-…kummenti tan-nies, dawn huma kollha public, publicly available information, erm, u hemm il-kummenti tan-nies fuq l-objectives, u imbagħad konna ħriġna l-policy. Il-policy konna ttweakjajnieha billi għidna, isma, mela għal Għawdex ma tistax tiġi applikata l-policy, u qed tiġi ristretta għal 5 żoni, li kien Buġibba, erm u San Pawl il-Baħar, Sliema u San Ġiljan, Gżira area, Marsa erm, Marsa, u jidhirli l-air-, maġenb l-airport. Wara li kienet ħarġet din il-public consultation, erm, irrealizzajna li ħallejna l-Imrieħel barra bi żball. U l-, ma eliminajnhiex l-Imrieħel għax, ħafna min-nies jinterpretaw li daħħalna l-Imrieħel, imma fir-realtà, ma eliminajnhiex, għaliex inti, la l-policy ta' qabel, kienet tista' tapplika għal kullimkien, jekk inti tgħid din iż-żona issa, qed tħalliha, mela ma eliminajthiex mhux daħħaltha, u allura ħallejna l-Imrieħel ukoll bħala parti mill-area li tista' tiġi erm, x'jismu, tista' tiġi tintuża l-FAR policy. Li daħħalna ukoll kienet, li bil-fors trid tkun surrounded by 4 roads, il-x'jismu, il-, l-art. Jekk le, inti trid tikkrea triq, biex ovvjament iġġibha bejn 4 roads, għax inkella, konna qed nispiċċaw erm, b'ċertu żoni fejn prattikament ikollok ħajt t'appoġġ mikxuf, u dik aħna ma ridnihiex, allura għidna isma, site ikun surrounded by four roads u rrid ikollok il-minimum dimension erm, jekk m'iniex sejjer żball, ta' 4000m$^2$. Dawk kienu l-kriterji."*[10]

Kompla billi spjega li qabel ma ħarġet l-*FAR policy* il-ġdida, l-*FAR policy* kienet tapplika għal Malta u Għawdex mingħajr restrizzjonijiet. Qal illi l-awtoritajiet riedu jirrestrinġu l-applikazzjoni tal-*policy* għal sitt postijiet f'Malta biss, u li l-Imrieħel dejjem kienet intenzjonata li tkun waħda minn dawk il-lokalitajiet. Qal li l-Imrieħel kellha ssir *business hub*, u li tħalliet barra mil-lista bi żball:

> *"Le, li qed ngħidlek, li rrealizzajna li ovvjament erm, l-Imrieħel, li proprju, mela, fl-iSPED, aħna fid-draft tagħna, ġo moħħna qed ngħidu isma, hawnhekk irid isir a high tech, aw,"*[11] u

> *"Area, hub, u fl-istess ħin, ħallejnieha barra, iġifieri, ma kinitx tagħmel, ma kinitx tagħmel sens kienet kontradittorja, iġifieri anke, fl-istrateġija tagħna stess, u hemmhekk fejn irrealizzajna li isma oi, hawnhekk ħallejnieha barra din, u allura, erġajna daħħalniha, nistgħu ngħidu, fil-proċess, imma, qatt ma ħarġet."*[12]

Mistoqsi jekk dan il-proċess ta' konsultazzjoni kien proċess intern li kien qed isir ġewwa l-MEPA, is-Sur Buttigieg ikkonferma li dan kien il-każ.

Is-Sur Buttigieg qal li normalment skont il-proċess:

[10] Reġistrazzjoni, 07:24
[11] Reġistrazzjoni, 12:13
[12] Reġistrazzjoni, 12:29

*"Il-Gvern itik l-objective-"*[13] u *"-aħna bħala MEPA huwa l-vehikulu li noħorġuh għal public consultation."*[14]

Spjega li wara li jsir il-konsultazzjoni pubblika, il-kwistjoni tmur quddiem il-Bord tal-MEPA:

> *"Il-public consultation isir, kollox jiġi lura għand il-MEPA, jitla' quddiem il-Bord, il-Bord jagħti l-opinjoni tiegħu, u l-opinjoni tiegħu tmur għand il-Ministru."*[15]

Kompla jgħid:

> *"Il-Planning Authority imbagħad, meta tibgħat kollox għand il-Ministru, il-Ministru jista', jew japprova l-pożizzjoni tal-Planning Authority jew jerġa' jibgħat lura lill-Planning Authority b'rakkomandazzjoni tiegħu biex il-Planning Authority tikkunsidraha. Jekk il-Planning Authority tabqel mal-Ministru allura dik issir policy, jekk il-Planning Authority ma taqbilx mal-Ministru terġa' tibgħatha lura, u imbagħad hija d-deċiżjoni tal-Ministru jekk issirx policy jew le."*[16]

Mistoqsi jekk dan kien li ġara f'dan il-każ, is-Sur Buttigieg qal li f'dan il-każ, il-MEPA qablet mal-Ministru, u li dan kien iddokkumentat.

Mistoqsi għalfejn il-MEPA ma bagħtitx kopja tal-*FAR policy* riveduta lis-Segretarju Parlamentari, bl-Imrieħel inkluża fil-lista tas-sitt żoni fejn setgħat tiġi applikata l-*policy*, is-Sur Buttigieg qal li hekk ġrat fil-fatt.

**L-Ittra li ntbagħtet mis-Segretarju Parlamentari lill-MEPA**

Mistoqsi għalfejn allura, is-Segretarju Parlamentari kiteb ittra lill-MEPA biex jgħidilha li l-Imrieħel kellha tiġi inkluża fil-lista ta' żoni, is-Sur Buttigieg ma rrispondix.

Il-Kummissarju staqsa lis-Sur Buttigieg jekk kienx jaf bl-ittra li ntbagħtet mis-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia lill-MEPA. Is-Sur Buttigieg qal:

> *"jien naħseb li qed jirreferi għall-ittra kien, intbagħtet lil, lil Vince Cassar. Naf li kien hemm ittra li ntbagħtet liċ-Chairman tal-Planning Authority."*[17]

Kompla jgħid:

> *"Fejn, ovvjament hu jikkommunika mal-Bord ma jikkommunikax miegħi bħala, bħala CEO, iġifieri, fejn, safejn naf jiena, mill-memorja issa qed nitkellem, fejn hu kien talab li isma, erm, l-Imrieħel għandha tkun parti jew tibqa' parti mill-FAR policy li qed tiġi ppjanata, iġifieri, issa tgħidlix, which was the, the egg or the chicken."*[18]

| | |
|---|---|
| Sommarju magħmul minn: | Dr Sarah Pace Warrington |
| Data tal-aħħar reviżjoni: | 25 ta' Mejju 2023 |

[13] Reġistrazzjoni, 13:04
[14] Reġistrazzjoni, 13:07
[15] Reġistrazzjoni, 13:12
[16] Reġistrazzjoni, 13:24
[17] Reġistrazzjoni, 14:52
[18] Reġistrazzjoni, 15:07

DOKUMENT G

Kamra Tad-Deputati,

Parlament Ta' Malta

4 ta' Lulju 2023

Dr. Joseph Azzopardi

Prim Imħallef Emeritus

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Dr. Joseph Azzopardi,

Fl-ittra tat-8 ta' Frar 2021 mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jien kont infurmat li l-investigazzjoni hi biss dwar jekk dak irrapurtat, li għamilt stqarrija ma' ġurnalist, kienitx veritiera jew le.

L-aħħar paragrafu ta' dik l-ittra ntqal b'mod ċar "Nixtieq nenfasizza li l-investigazzjoni tiegħi ma tittrattax dwar il-merti tad-deċizjoni li ttieħdet sabiex l-Imrieħel isir zona għall-bini għoli, iżda dwar jekk humiex verita jew le l-istqarrijiet li inti għamilt f'April 2020, skont kif irrapurtati fl-artikli kkwotati mill-ilment."

Fl-ittra tiegħi bħala risposta għall-ittra tal-Kummissarju preċedenti għamiltha ċara li jien ma gdibtx lill-ġurnalist, u għamiltha ċara li l-Imriehel qatt ma kien diskuzz fil-laqgħa ta' Marzu 2014 ma' Yorgen Fenech, għax fil-fatt ġie diskuss il-proġett propost ta' Land Reclamation 'il-barra minn Portomaso. Dan joħroġ ukoll ċar mix-xhieda ta' persuna li kien prezenti, is-Sur Johann Buttigieg, kuntrarju għal dak allegat mill-ġurnalist, li ma kienx prezenti għall-laqgħa imma assuma dwar ipotesi ta' x'possibilment kienet il-laqgħa dwar, u liema assunzjoni kienet għal kollox mhux veritiera. Għalhekk kont korrett meta għidt li qatt ma saret laqgħa dwar l-Imrieħel.

Sadanittant qed nirreleva li qabel xejn l-Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika, hekk kif stabbilit permezz tal-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta, ma jistax jieħu konjizzjoni t'allegazjonijiet fuq fatti li seħħew qabel id-daħla fis-seħħ tal-imsemmi Att. Issa l-fatti li hemm referenza għalihom fl-allegazzjonijiet magħmula, huwa ċar li seħħew snin qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att (vide Art. 14(1) tal-Kap570). Għalhekk isegwi li l-Kummissarju jrid jillimita' ruħu fuq il-fatt biss tal-imġieba tiegħi mal-media u jekk imxejtx mal-Kodiċi ta' Etika li torbotni fl-imġieba tiegħi.

Ikun opportun li dan il-punt ikun iċċarat mill-ewwel u li l-uffiċju tal-Kummissarju, bid-dovut rispett, għandu jmexxi l-investigazzjoni tiegħu fil-binarji hawn fuq spjegati skont il-liġi u skont is-suespost.

Xorta waħda qed inwieġeb fil-mertu għal kwalunkwe allegazjoni li saret fil-konfront tiegħi għaliex hekk inħoss li hu doveruz da parti tiegħi u dana bla ebda preġudizzju għal dak hawn fuq rilevat.

Rajt id-dokumenti li inti bagħtli mal-ittra tiegħek tas-16 ta' Ġunju 2023.

1. <u>Email datata 12 ta' Mejju 2022 mingħand il-Perit David Pace</u>

Ma nistax nifhem għaliex u l-iskop li wassal biex il-Kummissarju għall-Ambjent u Pjanar fl-Uffiċju tal-Ombudsman jibgħat il-kontenut tal-ittra b'risposta lill-Uffiċju tal-Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Jew il-Perit David Pace ma jafx il-fatti, jew qed iħallat ħaġa m'oħra, jew ma qarax ir-rapporti kollha jew qed iqarraq bl-uffiċju tiegħek. Nirreferik:

a) Għad-Development Planning Application Report PA/00581/16 hawn mehmuz u li wieħed jista jaċċessaħ fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' tal-Ippjanar u,
b) Floor Area Ratio (FAR) policy approvata u ppublikata f'Mejju 2014 li wkoll hi mehmuza u li wkoll tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Rigward il-paragrafu "With regards to the Hon. Michael Farrugia's response .... such development speaks for itself."

- Qabel l-2014 ma kienx hemm policy uffiċjalment approvata u kien hemm biss draft policy. Wieħed setgħa japplika għal bini għoli f'kull parti ta' Malta u Għawdex billi ma kien eskluz imkien. Permess għal bini kien jiġi approvat mill-MEPA (dak iż-żmien) f'kull parti ta' Malta u Għawdex skont id-draft policy ta' dak inhar.
- Wara Mejju 2014 il-policy dwar l-FAR eskludiet (u mhux "inserted") li jista jsir bini għoli f'Għawdex kollu u f'Malta ħlief għal numru ta' lokalitajiet.
- Għalhekk meta wieħed japplika għal bini għoli jaf li l-lokalita' għal fejn qed japplika jista, jew ma jistax joħroġlu permess. Huwa vera li wieħed jista japplika għal bini gholi fejn irid. Imma, filwaqt li qabel Mejju 2014 setgħa joħroġlu permess f'kull parti ta' Malta u Għawdex, wara Mejju 2014 jaf li jekk japplika għal bini gholi f'Għawdex kollu u fil-lokalitajiet eskluzi fil-biċċa kbira ta' Malta, permess ma joħroġlux.

Rigward il-paragrafu "I quote from the DPAR .... third party property."

- Il-Perit Pace, għal xi raġuni li jafha hu biss, jikkwota paragrafu wieħed (4.2 Site Description) mid-Development Planning Application Report PA/00581/16 li fih 31 paġna.
- Ma nistax nifhem l-iskop li kellu l-Perit Pace biex jinjora dokument ta' 31 paġna u ma jikkwotax li l-policy tal-FAR titkellem b'mod ċar li proġett irid ikollu triq fuq kull naħa tas-sit u jekk ma tkunx teżisti fuq xi naħa tas-sit, trid tinbena waħda mill-istess żviluppatur u titnaqqas mill-equation ta' kemm jista jinbena floorspace fil-binja skont il-policy il-ġdida tal-FAR.
- Aktar u aktar sorpriż li l-Perit Pace ma jagħmel l-ebda referenza għall-klawsola 4.6.3 Developable Site Area, Developable Gross Floorspace and Built volume (paġni 16-17) u "Table T3 developable site area" f'paġna 17.

X'wassal biex il-Perit Pace ħalla barra dan kollu, u xi skop kellu jafu hu biss!

Imma agħar minn hekk hu il-paragrafu "It is clear that the site....departed from the new policy."

- Il-policy li qed isemmi tal-25,000 sqm iddaħlet fl-2012, filwaqt li d-draft policy dwar l-FAR baqgħet ezistenti u mhux biex tissostwixxiha. Din il-policy kienet eċċezzjoni addizjonali biss għall-Imriehel. Jekk investitur/i jkollhom ta' mill-anqas 25,000sqm ta' art, l-investitur/i setgħu japplikaw ghal bini gholi sa 40 metru minghajr ma tapplika ghalihom id-draft policy tal-FAR u fuq l-art setgħu jibnu l-binja kollha. Għal xi raġuni li jafha hu biss il-Perit Pace qed iħawwad bejn il-policy addizjonali speċifikament għall-Imriehel biss, mad-draft policy ta' qabel l-2014 li fuqha u policies oħra ħarġu permessi għal bini għoli aktar minn 10 sulari f'Malta u Għawdex qabel Mejju 2014.
- Biex ikompli jħawwad, fl-istess paragrafu qal "Moreover, the site....from the new policy". B'sempliċiment ħarsa lejn "TABLE T3 developable site area" paġna 17 tad-Development Planning Application u l -kummenti taħt l-istess tabella, toħroġ il-verita kollha.
- Fil-parti fejn ma kienx hemm triq teżisti, tnaqqas mis-sit ta' 10,082 sqm, area ta' 1,445 sqm ta'art biex l-izvilupatturi jibnu "10.37m boundary road required by FAR policy." B'hekk it-total developable site area kienet ta' 8,627 sqm li fuqha inħadmet it-total developable gross floor space u mhux kif ta x'jifhem il-Perit Pace. Skont l-equation il-floorspace li setgħa jinbena naqas bi kwazi 8,000 sqm.

Dan kollu juri l-qerq tal-Perit Pace lejn l-uffiċju tiegħek billi ta fatti skorretti u li faċilment setgħa jivverifika.

Qabel Mejju 2014 ma kienx jezisti l-obbigu ta' toroq mad-dawra tas-sit li fuqu kien jinbena bini għoli aktar minn għaxar sulari u għalhekk fil-kaz tal-Quad Towers il-floor area ratio kien jinħadem fuq 10,082 sqm u mhux fuq 8,627 sqm skont il-policy il-ġdida.

Barra minn hekk qabel l-2014 kien jithalla 25% tas-sit mhux żviluppabli filwaqt li bil-policy il-ġdida din telghet ghal 50%.

Apparti minn hekk, l-art mhux żvilupabbli issa saret aċċessibli għall-pubbliku, kuntrarju għal qabel l-2014.

Għalhekk id-dikjarazzjonijiet :

- "Given the above....by the policy revision"
- "Therefore it seems that....from the new policy"
- "The argument that....is not correct"

Huma fattwalment skorretti, 'il-boghod mill-verità u intenzjonati li jqarrqu bl-uffiċju tiegħek.

Hu fatt indiskuttibli li l-iżviluppaturi kien jaqblilhom bid-draft policy ta' qabel Mejju 2014 kif kienet applikata, milli bil-policy il-ġdida tal-FAR.

Barra minn hekk, għall-kumment tal-Perit Pace li "This was the crux....as an FAR zone afterwards", hemm risposta għaliha mis-Sur Johann Buttigieg waqt xiehda tieghu.

Hawnhekk niġbidlek l-attenzjoni li fit-2 ta' April 2014 jien ingħatajt ir-responsabilta' tal-uffiċju ta' Ministru tal-Familja u Solidarjeta' Socjali u għalhekk ma stajtx inkompli bir-responsabbiltà tal-aħħar fażijiet tat-tnedija tal-policy tal-FAR f'Mejju 2014.

2. <u>Extract from PA 049-13/14 FAR policy – Final Approval</u>

Kull ma għandi x'nissotolinja f'dan id-dokument hu appuntu paragrafu 9989 fejn il-membri kollha preżenti, ħlief għal persuna waħda li kienet assenti, ivvutaw favur id-draft finali kif emendat inkluż is-suġġerimenti tal-Gvern. Fost il-membri preżenti kien hemm iż-żewg membri parlamentari wieħed minn naħa tal-gvern u l-ieħor li jirraprezenta l-oppożżizjoni.

3. <u>Bord ta' inkjesta – xhud Johann Buttigieg</u>

M'għandix kummenti.

4. <u>Summarju tax-xhieda ta' Johann Buttigieg</u>

Għal darb' oħra niġbidlek l-attenzjoni għal paġna 4, speċifikament għall-paragrafu "Mistoqsi għalfejn il-MEPA....li hekk ġara fil-fatt", li jiena ma bqajtx politikament responsabbli mill-ippjanar wara t-2 ta' April 2014 meta kont ingħatajt l-ufficju ta' Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali u għalhekk ma kontx involut aktar fl-istadji aħħarin ta' din il-policy li ġiet ippublikata f'Mejju 2014.

5. <u>Konklużjoni</u>

Jien għidt il-verità lill-ġurnalist u kklarifikajt aktar tard li fl-ebda ħin ma ssemmiet l-FAR policy jew il-proġett tal-konsorzju li s-Sur Yorgan Fenech kien jifforma parti minnu fil-laqgħa li saret fl-uffiċju tiegħi f'Marzu 2014. Dan kollu joħroġ minn xhieda ta' min kien preżenti. Apparti minn hekk, loġikament, kif spjegajt, kien fl-interess tal-iżvilupatturi li l-policy il-ġdida li tirregola l-FAR, kif emendata, ma toħroġx għax kienet tiżvantaġġjahom.

Bħalma diġa xehedt f'fora oħra l-laqgħa kienet dwar proġett ta' land reclamation 'il-barra minn Portomaso. F'isem il-Gvern kont ħriġt sejħa ta' expression of interest għal proġetti ta' land reclamation f'Malta u Għawdex. B'kollox kienu ddaħlu 23 proġett. Kull min ried jispjega aħjar il-proġett tiegħu għamlu talba, u ngħataw appuntament ħalli jelaboraw aktar dwar il-proġetti li resqu 'l quddiem. Il-laqgħa mas-Sur Yorgen Fenech kienet waħda minn dawn il-laqgħat u ma ġie diskuss xejn aktar.

Inselli għalik,

Dr Michael Farrugia MD MP